SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

9 ta' Ottubru 2025*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Għajnuna mill-Istat – Regolament (UE) Nru 651/2014 – Eżenzjoni ta' ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern – Żball ta' traduzzjoni fil-verżjoni bil-lingwa Rumena ta' dan ir-regolament – Effetti legali tar-regolament li jikkoreġi dan l-iżball – Possibbiltà ta' rkupru ta' għajnuna mogħtija qabel ir-rettifika fl-osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-verżjoni tar-regolament li fiha l-iżball ta' traduzzjoni – Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi – Ċertezza legali"

Fil-Kawżi magħquda C-416/24 u C-417/24,

li għandhom bħala suġġett talbiet għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Curtea de Apel Bacău (il-Qorti tal-Appell ta' Bacău, ir-Rumanija), permezz ta' deċiżjonijiet tat-18 ta' April 2024, li waslu fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Ġunju 2024, fil-proċeduri

On Air Media Professionals SRL (C-416/24)

vs

Agenția pentru Întreprinderi Mici și Mijlocii Iași,

u

Different Media SRL (C-417/24)

vs

Ministerul Antreprenoriatului și Turismului – Agenția pentru Întreprinderi Mici și Mijlocii, Atragere de Investiții și Promovare a Exportului Iași,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn F. Biltgen, President tal-Awla, T. von Danwitz, Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja, li qiegħed jaġixxi bħala Mħallef tal-Ewwel Awla, I. Ziemele, A. Kumin, u S. Gervasoni (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Szpunar,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

* Lingwa tal-kawża: ir-Rumen.

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn Ł. Habiak, M. Lagrue, L. Nicolae u P. J. O. Van Nuffel, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talbiet għal deċiżjoni preliminari jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-ewwel sentenza tal-punt 18(a) tal-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE] (ĠU 2014, L 187, p. 1, rettifika fil-ĠU 2023, L 137, p. 71) (iktar 'il quddiem ir-"RĠEK"), tal-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/452 tal-15 ta' Marzu 2021 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE] (ĠU 2021, L 89, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ta' rettifika"), kif ukoll tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali.

2 Dawn it-talbiet, ifformulati f'termini identiċi, tressqu fil-kuntest ta' żewġ kawżi bejn, fir-rigward tal-ewwel waħda, On Air Media Professionals SRL (iktar 'il quddiem "On Air Media"), kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Rumen, u l-Agenția pentru Întreprinderi Mici și Mijlocii Iași (l-Aġenzija għall-Impriżi Żgħar u Medji ta' Iaşi, ir-Rumanija) u, fir-rigward tat-tieni waħda, Different Media SRL, li hija wkoll kumpannija b'responsabbiltà limitata rregolata mid-dritt Rumen, u l-Ministerul Antreprenoriatului și Turismului – Agenția pentru Întreprinderi Mici și Mijlocii, Atragere de Investiții și Promovare a Exportului Iași (il-Ministeru għall-Intrapriża u għat-Turiżmu – Aġenzija għall-Impriżi Żgħar u Medji intiżi li jattiraw l-investiment u jippromwovu l-esportazzjonijiet ta' Iaşi, ir-Rumanija) dwar talbiet għal rimbors ta' sussidji mogħtija indebitament lil dawn iż-żewġ kumpanniji fil-kuntest ta' miżuri ta' appoġġ mogħtija lill-impriżi affettwati mill-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Ir-RĠEK

3 Il-premessa 14 tar-RĠEK hija fformulata kif ġej:

"Għajnuna mogħtija lil intrapriżi f'diffikultà għandha tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, billi din l-għajnuna għandha tiġi vvalutata skont il-Linji Gwida tal-Komunità dwar għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' intrapriżi f'diffikultà tal-1 ta'

Ottubru 2004 kif estiżi mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni [Ewropea] dwar l-estensjoni tal-applikazzjoni tal-linji gwida tal-Komunità dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u r-ristrutturar ta' impriżi f'diffikultà tal-1 ta' Ottubru 2004 jew il-Linji Gwida suċċessivi, biex dawn ma jkunx hemm min idur magħhom, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna li jagħmlu tajjeb għall-ħsara li ċerti diżastri naturali jikkawżaw. Għal finijiet ta' ċertezza legali, għandhom jiġu ddefiniti kriterji ċari li ma jeħtiġux evalwazzjoni tal-partikularitajiet kollha tas-sitwazzjoni ta' impriża sabiex jiġi ddeterminat jekk din għandhiex titqies li hija impriża f'diffikultà għall-finijiet ta' dan ir-regolament."

4 L-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament, intitolat "Kamp ta' applikazzjoni", jipprovdi, fil-paragrafu 4 tiegħu:

"Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

[…]

(c) għajnuna lil impriżi f'diffikultà, bl-eċċezzjoni ta' skemi ta' għajnuna li jagħmlu tajjeb għall-ħsara kkawżata minn ċerti diżastri naturali.

[…]"

5 Skont il-verżjoni inizjali bil-lingwa Rumena tal-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament, intitolat "Definizzjonijiet":

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

18. 'intrapriża f'diffikultà' tfisser intrapriża li sseħħ fir-rigward tagħha mill-inqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi:
(a) Fil-każ ta' kumpanija b'responsabbiltà limitata (minbarra [impriża żgħira jew ta' daqs medju (SME)] li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li fi żmien 7 snin minn meta l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħha jikkwalifika għal investimenti ta' finanzjamenti ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat. Dan hu l-każ meta t-tnaqqis ta' telf akkumulat minn riżervi (u l-elementi kollha l-oħra ġeneralment ikkunsidrati bħala parti mill-fondi proprji tal-kumpanija) iwassal għal ammont kumulattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, "kumpanija b'responsabbiltà limitata" tirreferi, b'mod partikolari, għat-tipi ta' kumpaniji msemmija fl-Anness I tad-Direttiva 2013/34/UE (37) u 'kapital azzjonarju' jinkludi, fejn rilevanti, kull primjum ta' ishma,

[…]"

Ir-Regolament ta' rettifika

6 Il-premessi 1 u 2 tar-Regolament ta' rettifika huma fformulati b'dan il-mod:

"(1) Il-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-[RĠEK] fiha żbalji fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(18)(a) u fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(18)(b) li jbiddlu t-tifsira tad-dispożizzjonijiet.

(2) Għalhekk, il-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-[RĠEK] jenħtieġ li tiġi kkoreġuta skont dan. Il-verżjonijiet bil-lingwi l-oħra mhumiex affettwati".

7 L-Artikolu 1 tar-Regolament ta' rettifika jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Ir-[RĠEK] huwa rrettifikat kif ġej:

L-ewwel sentenza tal-punt 18(a) tal-Artikolu 2 hija ssostitwita b'dan li ġej: 'Fil-każ ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal anqas minn tliet snin jew, għall-għanijiet ta' eliġibbiltà għall-għajnuna ta' finanzjament ta' riskju, SME li fi żmien 7 snin minn meta l-ewwel bejgħ kummerċjali tagħha jikkwalifika għal investimenti ta' finanzjamenti ta' riskju wara diliġenza dovuta mill-intermedjarju finanzjarju magħżul), fejn aktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa bħala riżultat ta' telf akkumulat.'"

8 L-Artikolu 2 tar-Regolament ta' rettifika jipprovdi:

"Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*."

Id-Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020

9 Il-Kummissjoni awtorizzat l-iskema ta' għajnuna mill-Istat, intitolata "Appoġġ għas-SME u għall-impriżi l-kbar sabiex jegħlbu l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19", li r-Rumanija kienet innotifikatilha fl-20 ta' Awwissu 2020, permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 5949 final tas-27 ta' Awwissu 2020 – Għajnuna mill-Istat SA.58166 (2020/N) – Ir-Rumanija – COVID-19: Appoġġ għas-SME u għal ċerti impriżi kbar sabiex jegħlbu l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 (ĠU 2020, C 302, p. 1) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020").

10 Il-premessi 16 u 47 ta' din id-deċiżjoni jipprovdu:

"16. Ma tista' tingħata ebda għajnuna abbażi tal-miżura lil impriżi f'diffikultà fis-sens tar-[RĠEK], tar-Regolament ta' eżenzjoni skont il-kategorija fis-settur agrikolu ('REKA') jew tar-Regolament ta' eżenzjoni skont il-kategorija għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura ('REKS') fil-31 ta' Diċembru 2019.

[…]

47. Konsegwentement, il-Kummissjoni tqis li l-miżura hija neċessarja, xierqa u proporzjonata sabiex tirrimedja disturb gravi tal-ekonomija ta' Stat Membru u li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha tal-Qafas Temporanju. B'mod partikolari:

[…]

– Ma tista' tingħata ebda għajnuna abbażi tal-miżura lil impriżi li diġà kienu f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019 (ara l-premessa 16). Għalhekk il-miżura hija konformi mal-punt 22(c) tal-Qafas Temporanju" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Id-dritt Rumen

L-OUG Nru 130/2020

11 L-Artikolu 4(1) tal-Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 130/2020 privind unele măsuri pentru acordarea de sprijin financiar din fonduri externe nerambursabile, aferente Programului operațional Competitivitate 2014-2020, în contextul crizei provocate de COVID-19, precum și alte măsuri în domeniul fondurilor europene (id-Digriet Governattiv ta' Emerġenza Nru 130 dwar Ċerti Miżuri Intiżi li Jagħtu Għajnuna Finanzjarja minn Fondi Esterni Mhux Rimborsabbli, b'Rabta mal-Programm Operattiv fil-Qasam tal-Kompetittività 2014-2020, fil-Kuntest tal-Kriżi Kkawżata mill-COVID-19, kif ukoll Miżuri Oħra fil-Qasam tal-Fondi Ewropej), tal-31 ta' Lulju 2020 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 705, tas-6 ta' Awwissu 2020) (iktar 'il quddiem l-"OUG Nru 130/2020"), jipprovdi:

"Il-mikrosussidji għandhom jammontaw għal EUR 2 000 u għandhom jingħataw darba waħda biss, fil-forma ta' ammont f'daqqa, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1301/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw l-Investiment li għandu fil-mira t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1080/2006 [ĠU 2013, L 347, p. 289, rettifika fil-ĠU 2016, L 330, p. 25], kif emendat, u skont l-Artikolu 67(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 [ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifiki fil-ĠU 2016, L 200, p. 140, fil-ĠU 2019, L 66, p. 6 u fil-ĠU 2022, L 146, p. 155]."

12 Skont l-Artikolu 6 tal-OUG Nru 130/2020:

"Il-mikrosussidji previsti fl-Artikolu 4(1) għandhom jingħataw, abbażi ta' kuntratt ta' għajnuna mill-Istat, lill-benefiċjarji li jissodisfaw b'mod kumulattiv il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu eżerċitaw attività kurrenti/operattiva matul tal-inqas sena kalendarja qabel id-data li fiha titressaq it-talba ta' finanzjament, b'eċċezzjoni tal-[persuni fiżiċi awtorizzati u tal-kliniċi mediċi individwali], li għalihom il-bidu tal-attività seta' seħħ mhux iktar tard mill-1 ta' Frar 2020;

(b) ikunu kisbu dħul mill-bejgħ matul is-sena finanzjarja preċedenti għat-tressiq tat-talba ta' finanzjament tal-inqas tal-ekwivalenti f'[lei Rumeni (RON)] ta' EUR 5 000 fid-data li fiha titressaq it-talba ta' finanzjament, b'eċċezzjoni tal-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat prevista fl-Artikolu 5(1)(a), benefiċjarji li nħolqu fl-2019, bi dħul mill-bejgħ ta' inqas minn EUR 5 000, li għalihom il-limitu minimu ta' dħul mill-bejgħ jiġi kkalkolat billi n-numru ta' xhur sħaħ ta' attività tal-2019 jiġi mmultiplikat bl-ammont ta' EUR 415, u tal-benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat previsti fl-Artikolu 5(1)(b) u (c);

(c) iżommu l-attività tagħhom matul perijodu ta' mhux inqas minn sitt xhur mill-għoti ta' appoġġ fil-forma ta' mikrosussidju."

13 L-Artikolu 32 tal-OUG Nru 130/2020 jipprovdi:

"(1) Ir-regoli għall-għoti tal-għajnuna mill-Istat huma ddefiniti fl-iskema ta' għajnuna mill-Istat – Appoġġ għas-SME, suġġett għall-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

(2) Kull modifika u/jew żieda mal-iskema ta' għajnuna mill-Istat – Appoġġ għas-SME – tidħol fis-seħħ mid-data tal-komunikazzjoni tad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea."

Id-Digriet Nru 1060/2857/2020

14 L-Anness tal-Ordinul nr. 1060/2857/2020 pentru aprobarea Schemei de ajutor de stat – Sprijin pentru IMM-uri în vederea depășirii crizei economice generate de pandemia de COVID 19 (id-Digriet Nru 1060/2857/2020 għall-Approvazzjoni tal-Iskema ta' Għajnuna mill-Istat – Appoġġ għas-SME Sabiex Tingħeleb il-Kriżi Ekonomika Kkawżata mill-Pandemija tal-COVID-19), tat-8 ta' Settembru 2020 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 835 tal-11 ta' Settembru 2020) (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 1060/2857/2020"), adottat mill-Ministerul Economiei, Energiei și Mediului de Afaceri (il-Ministeru għall-Ekonomija, għall-Enerġija u għall-Qasam tan-Negozju, ir-Rumanija) u l-Ministerul Fondurilor Europene (il-Ministeru tal-Fondi Ewropej, ir-Rumanija), jinkludi d-definizzjoni li ġejja, fil-punt 3.6 tiegħu:

"'Impriżi f'diffikultà' – skont il-punt 18(a) tal-Artikolu 18 tar-(RĠEK), impriża titqies li tinsab f'diffikultà fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(i) fil-każ ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata (minbarra SME li tkun ilha teżisti għal tal-inqas tliet snin), fejn iktar minn nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt tagħha jkun sparixxa b'riżultat ta' telf akkumulat. Dan huwa l-każ meta t-tnaqqis tat-telf akkumulat mir-riżervi (u mill-elementi kollha l-oħra ġeneralment meqjusa li jagħmlu parti mill-fondi proprji tal-kumpannija) iwassal għal ammont akkumulat negattiv li jaqbeż nofs il-kapital azzjonarju sottoskritt. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, 'kumpannija b'responsabbiltà limitata' tirreferi, b'mod partikolari, għat-tipi ta' impriżi msemmija fl-Anness I tad-Direttiva [2013/34] u l-'kapital azzjonarju' jinkludi, jekk ikun il-każ, il-primjums ta' ishma;

[…]"

15 Skont il-punt 6.19 ta' dan l-anness ta' dan id-digriet:

"Il-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà għall-benefiċjarji li japplikaw għal finanzjament taħt il-miżuri ta' din l-iskema ta' għajnuna mill-Istat huma dawn li ġejjin:

(a) ma jkunux f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-[RĠEK], bl-eċċezzjoni tal-[persuni fiżiċi awtorizzati u tal-kliniċi mediċi individwali];

(b) ebda deċiżjoni ta' rkupru ta' għajnuna mill-Istat ma tkun inħarġet jew ġiet eżegwita fir-rigward tagħhom […];

(c) ma jkunux suġġetti għal arranġament mal-krediturі, proċeduri ta' stralċ, ta' insolvenza jew ta' falliment."

Id-Digriet Nru 2989/2020

16 Il-punt 8.11 tal-Anness tal-Ordinul nr. 2989/2020 privind aprobarea Procedurii de implementare a măsurii "Microgranturi acordate din fonduri externe nerambursabile" din cadrul schemei de ajutor de stat instituite prin Ordonanța de urgență a Guvernului nr. 130/2020 privind unele măsuri pentru acordarea de sprijin financiar din fonduri externe nerambursabile, aferente Programului operațional Competitivitate 2014 – 2020, în contextul crizei provocate de COVID-19, precum și alte măsuri în domeniul fondurilor europene (id-Digriet Nru 2989/2020 dwar l-Approvazzjoni tal-Proċedura tal-Implimentazzjoni tal-Miżura "Mikrosussidji Mogħtija minn Fondi Esterni li Ma Jistgħux Jiġu Rrimborsati" fil-Kuntest tal-Iskema ta' Għajnuna mill-Istat Stabbilita bid-Digriet Governattiv ta' Emerġenza Nru 130/2020 dwar Ċerti Miżuri Intiżi li Jagħtu Għajnuna Finanzjarja minn Fondi Esterni Mhux Rimborsabbli, b'Rabta mal-Programm Operattiv fil-Qasam tal-Kompetittività 2014-2020, fil-Kuntest tal-Kriżi Kkawżata mill-COVID-19, kif ukoll Miżuri Oħra fil-Qasam tal-Fondi Ewropej), tat-30 ta' Settembru 2020 (*Monitorul Oficial al României*, Parti I, Nru 902 tal-5 ta' Ottubru 2020, jistabbilixxi, essenzjalment, li għajnuna mill-Istat għandha tiġi rkuprata kollha kemm hi jekk, wara l-verifiki mwettqa wara l-iffirmar tal-kuntratti ta' finanzjament, jiġi kkonstatat li l-benefiċjarju ma jaqax taħt il-kategorija tal-benefiċjarji eliġibbli previsti mill-OUG Nru 130/2020.

Il-kawżi prinċipali u d-domandi preliminari

17 Fl-20 ta' Awwissu 2020, ir-Rumanija nnotifikat lill-Kummissjoni skema ta' għajnuna, intitolata "Appoġġ għas-SME u għall-impriżi l-kbar sabiex tingħeleb il-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19". Il-Kummissjoni awtorizzat din l-iskema ta' għajnuna mill-Istat permezz tad-Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020.

18 Skont il-premessa 16 ta' din id-deċiżjoni, ma setgħet tingħata ebda għajnuna mill-Istat, abbażi tal-iskema awtorizzata, lil impriżi li kienu f'diffikultà, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK, fil-31 ta' Diċembru 2019. Kif jirriżulta mill-premessa 47 tal-imsemmija deċiżjoni, din kienet waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Kummissjoni sabiex tkun tista' tiddikjara l-iskema ta' għajnuna neċessarja, xierqa u proporzjonata, u għalhekk kompatibbli mas-suq intern.

19 Wara n-notifika tad-Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020, l-iskema ta' għajnuna ġiet implimentata mill-awtoritajiet Rumeni permezz tad-Digriet Nru 1060/2857/2020.

20 Il-punt 6.1 tal-anness ta' dan id-digriet kien jipprevedi l-għoti ta' għajnuna f'ammont massimu ekwivalenti għal EUR 2 000 għal kull benefiċjarju għal ċerti kategoriji ta' SME.

21 Skont id-Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020, wieħed mill-kriterji ġenerali ta' eliġibbiltà li kellhom jiġu ssodisfatti mill-benefiċjarji li jitolbu finanzjament kien, skont il-punt 6.19 tal-Anness tal-imsemmi digriet, li ma jkunux f'diffikultà fil-31 ta' Diċembru 2019, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK. Id-definizzjoni ta' "impriża f'diffikultà", mogħtija f'din id-dispożizzjoni, kienet imfakkra fil-punt 3.6(i) tal-Anness tal-istess digriet.

22 Fil-kuntest tal-iskema ta' għajnuna hawn fuq imsemmija, On Air Media u Different Media kkonkludew, fl-10 ta' Diċembru 2020, kuntratti ta' finanzjament li permezz tagħhom kull waħda minn dawn il-kumpanniji bbenefikat minn mikrosussidju fl-ammont ta' RON 9 679 (madwar EUR 1 945), intiż sabiex jgħinhom jegħlbu l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.

23 Kull wieħed minn dawn il-mikrosussidji kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' rkupru, rispettivament fid-data tat-8 ta' Novembru 2022 għal On Air Media u tat-18 ta' Ottubru 2022 għal Different Media. L-awtoritajiet Rumeni qiesu li dawn il-kumpanniji ma kinux jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet legali sabiex jibbenefikaw mill-għajnuna inkwistjoni, minħabba li, fil-31 ta' Diċembru 2019, kienu "impriżi f'diffikultà", fis-sens tal-punt 3.6(i) tal-Anness tad-Digriet Nru 1060/2857/2020, peress li t-telf ta' kapital irreġistrat mill-imsemmija kumpanniji f'din id-data kien jaqbeż sewwa nofs il-kapital sottoskritt tagħhom.

24 On Air Media u Different Media ressqu azzjonijiet kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem it-Tribunalul Neamț (il-Qorti tal-Kontea ta' Neamț, ir-Rumanija). Huma sostnew li kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha previsti għall-kisba tal-mikrosussidji u, b'mod partikolari, li ma kellhomx il-karatteristiċi ta' impriżi f'diffikultà, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet, fil-verżjoni bil-lingwa Rumena ta' dan ir-regolament, jeskludu mill-kategorija tal-"impriżi f'diffikultà" s-"SME li jkunu ilhom jeżistu għal tal-inqas tliet snin". Issa, On Air Media u Different Media sostnew li huma kienu ilhom jeżistu tlettax u tmintax-il sena, rispettivament, fid-data tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' finanzjament tagħhom.

25 It-Tribunalul Neamț (il-Qorti tal-Kontea ta' Neamț) ċaħdet dawn l-azzjonijiet. Dik il-qorti bbażat ruħha fuq il-fatt li l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK kienet ġiet irrettifikata permezz tar-Regolament ta' rettifika wara l-għoti tas-sussidji lil On Air Media u lil Different Media u li, kif irrettifikat, ir-RĠEK jipprovdi li huma biss is-SME li jkunu ilhom jeżistu għal inqas minn tliet snin, u mhux, bħal fil-verżjoni inizjali, SME li jkunu ilhom jeżistu iktar minn tliet snin, li ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kunċett ta' "impriżi f'diffikultà" u għaldaqstant huma eliġibbli għall-għajnuna inkwistjoni.

26 Dik il-qorti ddeċidiet li r-Regolament ta' rettifika ma kienx emenda r-RĠEK iżda sempliċement irrettifika l-verżjoni bil-lingwa Rumena tiegħu, peress li l-verżjoni oriġinali, bl-Ingliż, kienet tirreferi, sa mill-adozzjoni tiegħu, għall-impriżi "li jkunu ilhom jeżistu inqas minn tliet snin". Konsegwentement, hija applikat il-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK, kif irrettifikat permezz tar-Regolament ta' rettifika, u kkonstatat li On Air Media u Different Media ma kinux jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà kollha fid-data tat-talbiet tagħhom għal sussidji.

27 Dawn il-kumpanniji ressqu appelli mis-sentenzi tal-ewwel istanza quddiem il-Curtea de Apel Bacău (il-Qorti tal-Appell ta' Bacău, ir-Rumanija), li hija l-qorti tar-rinviju.

28 Quddiem din il-qorti, huma jqisu, fl-ewwel lok, li l-awtoritajiet Rumeni applikaw b'mod retroattiv ir-Regolament ta' rettifika, peress li dan ġie adottat fix-xahar ta' Marzu 2021, jiġifieri iktar minn tliet xhur wara l-iffirmar tal-kuntratti ta' finanzjament inkwistjoni u anki wara li s-sussidji intużaw għax-xiri ta' tagħmir.

29 Fit-tieni lok, huma jsostnu li l-kunċett ta' "verżjoni oriġinali tar-Regolament" bil-lingwa Ingliża, li jinsab fil-motivi tas-sentenza tal-ewwel istanza, huwa nieqes minn bażi legali, peress li l-lingwa Rumena hija waħda mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, bl-istess mod bħal kwalunkwe waħda mit-23 lingwa l-oħra.

30 Fit-tielet lok, huma jirrilevaw li, fid-data tal-iffirmar tal-kuntratti ta' finanzjament inkwistjoni, il-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK kienet ilha fis-seħħ mingħajr emenda għal iktar minn sitt snin u li t-test ta' dan ir-regolament kien perfettament konformi mal-atti normattivi l-oħra kollha applikabbli għal dan il-każ, b'mod partikolari mad-Digriet Nru 1060/2857/2020, li kien fih test identiku. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huma jsostnu li ppreżentaw it-talba tagħhom għal għajnuna mill-Istat, iffirmaw il-kuntratt ta' finanzjament u eżegwewh b'*bona fide* sħiħa.

31 Il-qorti tar-rinviju tqis li għandha taqta' l-kwistjoni dwar jekk l-adozzjoni ta' regolament li jirrettifika l-verżjoni lingwistika ta' regolament preċedenti tal-Unjoni tinvolvix l-applikazzjoni retroattiva tal-verżjoni rrettifikata mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament preċedenti jew jekk din tipproduċix effetti biss mid-dħul fis-seħħ tar-regolament ta' rettifika.

32 Hija tistaqsi wkoll jekk il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jipprekludux l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat mogħtija fl-osservanza tal-kundizzjonijiet li kienu jinsabu inizjalment fil-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK, f'kuntest bħal dak tal-kawżi adita bihom.

33 Fl-aħħar nett, hija tosserva li l-ġurisprudenza nazzjonali ma hijiex uniformi fuq dawn il-kwistjonijiet.

34 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Curtea de Apel Bacău (il-Qorti tal-Appell ta' Bacău) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"(1) L-adozzjoni ta' regolament li jikkoreġi l-verżjoni uffiċjali bir-Rumen ta' regolament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri r-[Regolament ta' rettifika], għandha bħala effett l-applikazzjoni retroattiva tal-verżjoni kkorreġuta, mid-dħul fis-seħħ tar-regolament inizjali, jew tipproduċi effetti esklużivament għall-futur, wara d-dħul fis-seħħ tar-regolament li jikkoreġi, fil-każ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu taw għajnuna mill-Istat konformement mal-kundizzjonijiet previsti mill-verżjoni inizjali bir-Rumen tar-[RĠEK], u jkunu talbu, bħala riżultat tad-dħul fis-seħħ tar-[Regolament ta' rettifika], l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat mogħtija?

(2) L-ekwivalenza tal-verżjonijiet lingwistiċi ta' regolament tal-Unjoni tfisser li l-awtoritajiet nazzjonali ta' Stat membru jistgħu jinvokaw, fir-rigward ta' benefiċjarju ta' għajnuna mill-Istat mogħtija konformement mal-verżjoni inizjali bir-Rumen tar-[RĠEK], id-dispożizzjonijiet tar-[Regolament ta' rettifika] sabiex jitolbu l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat, fl-assenza ta' kull ħtija min-naħa tal-benefiċjarju tal-għajnuna?

(3) Id-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-irkupru tal-għajnuna mill-Istat mogħtija b'konformità mal-kundizzjonijiet inizjalment eżistenti fil-verżjoni bir-Rumen, kundizzjonijiet li iżda ma kinux jeżistu fil-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tar-[RĠEK], bil-korrezzjoni sseħħ permezz tar-[Regolament ta' rettifika] fil-verżjoni bir-Rumen wara l-għoti tal-għajnuna mill-Istat?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ir-Regolament ta' rettifika għandux jiġi interpretat fis-sens li jirrettifika l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK b'mod retroattiv, b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament tal-aħħar.

36 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, jeżisti, għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, interess manifest li, sabiex jiġu evitati diverġenzi ta' interpretazzjoni futuri, kull dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tingħata interpretazzjoni uniformi, li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-għan li tiżgura skont l-Artikolu 267 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-18 ta' Ottubru 1990, Dzodzi, C-297/88 u C-197/89, EU:C:1990:360, punti 37 u 38, kif ukoll tas-16 ta' Ġunju 2016, Rodríguez Sánchez, C-351/14, EU:C:2016:447, punt 61).

37 Il-ħtieġa ta' interpretazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni teskludi li, f'każ ta' dubju, it-test ta' dispożizzjoni jiġi kkunsidrat waħdu u teżiġi, għall-kuntrarju, li dan jiġi interpretat u applikat fid-dawl tal-verżjonijiet stabbiliti fil-lingwi uffiċjali l-oħra (sentenzi tal-5 ta' Diċembru 1967, van der Vecht, 19/67, EU:C:1967:49, p. 456, u tal-10 ta' April 2025, Tartisai, C-238/24, EU:C:2025:258, punt 30).

38 Madankollu, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll b'mod kostanti, il-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' test tad-dritt tal-Unjoni għandhom, bħala prinċipju, jingħataw l-istess valur (sentenzi tat-2 ta' April 1998, EMU Tabac *et*, C-296/95, EU:C:198:152, punt 36, u tal-4 ta' Ottubru 2024, AFAÏA, C-228/23, EU:C:2024:829, punt 38).

39 Fil-każ ta' diverġenza bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' test tal-Unjoni, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li tagħha hija tikkostitwixxi element (sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1977, Bouchereau, 30/77, EU:C:1977:172, punt 14, u tal-10 ta' April 2025, Tartisai, C-238/24, EU:C:2025:258, punt 30).

40 Madankollu, tali interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jistax ikollha r-riżultat li tneħħi kull effett utli mill-formulazzjoni ċara u preċiża ta' din id-dispożizzjoni (sentenzi tat-8 ta' Diċembru 2005, BĊE vs Il-Ġermanja, C-220/03, EU:C:2005:748, punt 31, u tat-3 ta' Settembru 2024, Illumina u Grail, C-611/22 P u C-625/22 P, EU:C:2024:677, punt 126).

41 In-nuqqas ta' qbil bejn il-verżjoni bil-lingwa Rumena, li l-formulazzjoni tagħha kienet ċara u inekwivoka, u l-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK wassal lill-Kummissjoni sabiex tadotta r-Regolament ta' rettifika li wassal għall-kawżi prinċipali.

42 Ir-RĠEK, li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 TFUE, jeskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu, skont l-Artikolu 1(4)(c) tiegħu, l-"impriżi f'diffikultà", li d-definizzjoni tagħhom tinsab fil-punt 18 tal-Artikolu 2 tiegħu.

43 Filwaqt li, f'termini kompletament mhux ambigwi, il-verżjoni bil-lingwa Rumena inizjali ta' din id-dispożizzjoni tal-aħħar, ippubblikata fis-26 ta' Ġunju 2014 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kienet teskludi mill-kategorija ta' impriżi f'diffikultà, fir-rigward tal-kumpanniji b'responsabbiltà limitata, is-SME li kienu ilhom mill-inqas tliet snin jeżistu, il-verżjonijiet

lingwistiċi l-oħra tal-imsemmija dispożizzjoni, ippubblikati fl-istess jum f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, kienu jeskludu, bl-istess mod b'mod ċar, minn din il-kategorija s-SME li kienu ilhom inqas minn tliet snin jeżistu.

44 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk ir-Regolament ta' rettifika għandux portata retroattiva, għandu qabelxejn jitfakkar li, skont l-Artikolu 297 TFUE, l-atti tal-Unjoni jidħlu fis-seħħ fid-data li huma jiffissaw jew, fin-nuqqas ta' dan, fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom.

45 Sussegwentement, minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, b'differenza mir-regoli proċedurali li huma ġeneralment meqjusa li japplikaw fid-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom, ir-regoli tal-Unjoni dwar dritt sostantiv għandhom jiġu interpretati, sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, fis-sens li japplikaw għal sitwazzjonijiet eżistenti qabel id-dħul fis-seħħ tagħhom biss sa fejn mill-kliem, mill-għanijiet jew mill-istruttura tagħhom jirriżulta b'mod ċar li dawn għandhom jingħataw tali effett (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2022, Volvo u DAF Trucks, C-267/20, EU:C:2022:494, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 F'dan il-każ, ir-Regolament ta' rettifika, li jirrigwarda regola sostantiva, jipprovdi, fl-Artikolu 2 tiegħu, li dan jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u ma jipprevedix espressament li jidħol fis-seħħ f'data preċedenti.

47 Madankollu, il-portata retroattiva tar-Regolament ta' rettifika tirriżulta b'mod ċar mill-għan tiegħu.

48 Kif jindikaw il-premessi 1 u 2 tar-Regolament ta' rettifika, l-għan tiegħu huwa li jirrettifika l-verżjoni bil-lingwa Rumena, bl-esklużjoni tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra, tal-ewwel sentenza tal-punt 18(a) tal-Artikolu 2 tar-RĠEK u tal-ewwel sentenza tal-punt 18(b) tal-Artikolu 2 tiegħu, liema verżjoni fiha żbalji li jbiddlu t-tifsira ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

49 Mill-għan innifsu tiegħu jirriżulta li r-Regolament ta' rettifika huwa intiż li jistabbilixxi mill-ġdid l-uniformità tal-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha ta' din id-dispożizzjoni, billi jikkoreġi *ab initio*, b'mod retroattiv, l-iżball ta' traduzzjoni li bih il-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK kienet ivvizzjata.

50 Fil-fatt, kieku r-Regolament ta' rettifika kien ikkoreġa l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK biss għall-futur, dan kien iħalli li jeżistu flimkien verżjonijiet inkompatibbli ta' dan ir-regolament, it-tnejn li huma bbażati fuq formulazzjoni ċara u preċiża, matul il-perijodu bejn id-dħul fis-seħħ tar-RĠEK u dak tiegħu.

51 Tali interpretazzjoni tar-Regolament ta' rettifika ma tistax tiġi adottata mingħajr ma jinkiser ir-rekwiżit ta' interpretazzjoni u ta' applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni mfakkar fil-punti 36 u 37 ta' din is-sentenza.

52 Għaldaqstant, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li r-Regolament ta' rettifika għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jirrettifika l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK b'mod retroattiv, b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament tal-aħħar.

Fuq it-tieni u t-tielet domanda

53 Permezz tat-tieni u tat-tielet domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-irkupru, abbażi tar-Regolament ta' rettifika, tal-għajnuna mogħtija mir-Rumanija qabel l-adozzjoni ta' dan ir-regolament taħt l-iskema ta' għajnuna awtorizzata mid-Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020.

54 Kif ġie deċiż fil-punt 52 ta' din is-sentenza, ir-Regolament ta' rettifika jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK, b'mod retroattiv, b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament tal-aħħar.

55 Fid-dawl tal-verżjoni bil-lingwa Rumena rrettifikata, huwa paċifiku li On Air Media u Different Media kellhom jitqiesu bħala impriżi f'diffikultà, fis-sens tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-REĠS, u għalhekk kellhom jiġu esklużi mill-benefiċċju tas-sussidji inkwistjoni fil-kawżi prinċipali.

56 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, il-konstatazzjoni tal-illegalità ta' għajnuna għandha bħala prinċipju twassal għall-irkupru tagħha mill-awtoritajiet nazzjonali, sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid is-sitwazzjoni preċedenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, Residex Capital IV, C-275/10, EU:C:2011:814, punt 33, u d-digriet tat-28 ta' Frar 2024, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-797/22 P, EU:C:2024:174, punt 71).

57 Madankollu, peress li jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, dawn l-awtoritajiet huma obbligati josservaw il-prinċipji fundamentali tiegħu, b'mod partikolari l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (sentenzi tal-1 ta' April 1993, Lageder *et*, C-31/91 u C-44/91, EU:C:1993:132, punt 33, kif ukoll tal-5 ta' Settembru 2024, Novo Banco *et*, C-498/22 sa C-500/22, EU:C:2024:686, punt 100).

58 Il-prinċipju ta' ċertezza legali jimplika li leġiżlazzjoni għandha tippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu b'eżattezza l-portata tal-obbligi li hija timponi fuqhom (sentenzi tal-1 ta' Ottubru 1998, Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni, C-209/96, EU:C:1998:448, punt 35, kif ukoll tat-22 ta' Frar 2022, Stichting Rookpreventie Jeugd *et*, C-160/20, EU:C:2022:101, punt 41).

59 Għalkemm, bħala regola ġenerali, il-prinċipju ta' ċertezza legali jipprekludi li l-portata *ratione temporis* ta' att tal-Unjoni jkollha l-bidu tad-dekorrenza tagħha stabbilit qabel il-pubblikazzjoni jew in-notifika tiegħu, jista' jkun mod ieħor, b'mod eċċezzjonali, meta għan ta' interess ġenerali jeżiġi dan u meta l-aspettattivi leġittimi tal-persuni kkonċernati jkunu debitament osservati (sentenzi tal-25 ta' Jannar 1979, Racke, 98/78, EU:C:1979:14, punt 20, u tat-12 ta' Novembru 1981, Meridionale Industria Salumi *et*, 212/80 sa 217/80, EU:C:1981:270, punt 10), kif ukoll sa fejn jirriżulta b'mod ċar mill-kliem, mill-għan jew mill-istruttura tar-regoli kkonċernati li tali effett għandu jiġi attribwit lilhom (sentenzi tal-24 ta' Settembru 2002, Falck u Acciaierie di Bolzano, C-74/00 P u C-75/00 P, EU:C:2002:524, punt 119, kif ukoll tat-30 ta' April 2019, L-Italja vs Il-Kunsill (Kwota ta' sajd tal-pixxispad tal-Mediterran), C-611/17, EU:C:2019:332, punt 106 u l-ġurisprudenza ċċitata).

60 Fir-rigward tal-kundizzjoni dedotta mill-osservanza tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt li wieħed jinvoka dan il-prinċipju jippreżumi li l-persuna kkonċernata tkun irċeviet garanziji preċiżi, inkundizzjonati u

konkordanti, li joriġinaw minn sorsi awtorizzati u affidabbli, mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni (sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punt 97 u l-ġurisprudenza ċċitata).

61 Fil-fatt, prassi ta' Stat Membru li ma tkunx konformi ma' leġiżlazzjoni speċifika tal-Unjoni ma tistax tnissel aspettattivi leġittimi f'individwu partikolari li jibbenefika mis-sitwazzjoni li tkun inħolqot b'dan il-mod (sentenzi tal-15 ta' Diċembru 1982, Maizena, 5/82, EU:C:1982:439, punt 22, kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2024, Kaduna, C-244/24 u C-290/24, EU:C:2024:1038, punt 131).

62 Fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, fid-dawl tan-natura imperattiva tal-kontroll ta' għajnuna statali mwettaq mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 TFUE, minn naħa, l-impriżi benefiċjarji ta' għajnuna jista' jkollhom, bħala prinċipju, aspettattivi leġittimi fin-natura regolari tal-għajnuna biss jekk din tkun ingħatat fl-osservanza tal-proċedura prevista f'dan l-artikolu u, min-naħa l-oħra, operatur ekonomiku diliġenti għandu normalment ikun f'pożizzjoni li jiżgura ruħu li din il-proċedura tkun ġiet osservata (sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja taċċetta wkoll il-possibbiltà, għall-benefiċjarju ta' għajnuna illegali, li jinvoka ċirkustanzi eċċezzjonali li fuqhom jista' leġittimament jibbaża l-aspettattivi tiegħu fir-rigward tan-natura regolari ta' din l-għajnuna u li jopponi, konsegwentement, l-irkupru tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Settembru 1990, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-5/89, EU:C:1990:320, punt 16).

64 F'dan il-każ, kif indika l-Avukat Ġenerali fil-punt 80 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-aspettattivi li On Air Media u Different Media seta' jkollhom fir-rigward tal-fatt li huma jidħlu fil-kamp tal-benefiċjarji tal-għajnuna li tista' tiġi awtorizzata abbażi tar-RĠEK ma kinux ibbażati biss fuq l-aġir tal-awtoritajiet Rumeni, b'mod partikolari fuq l-iskema ta' għajnuna nazzjonali u d-deċiżjonijiet ta' għoti ta' din l-għajnuna meħuda f'dan il-kuntest, iżda wkoll fuq it-test ċar, għalkemm żbaljat, tal-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-RĠEK ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li għalih kienet tirreferi din l-iskema ta' għajnuna.

65 F'dan ir-rigward, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 73 tal-konklużjonijiet tiegħu, On Air Media u Different Media ma jistgħux jiġu kkritikati, fiċ-ċirkustanzi tal-kawżi prinċipali, li ma vverifikawx il-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra tal-punt 18 tal-Artikolu 2 tar-RĠEK, meta xejn fit-test tal-verżjoni bil-lingwa Rumena inizjali ta' din id-dispożizzjoni ma kien iqajjem xi diffikultà ta' interpretazzjoni.

66 Barra minn hekk, l-iskema ta' għajnuna nazzjonali inkwistjoni, debitament innotifikata lill-Kummissjoni, kienet ġiet awtorizzata minn din tal-aħħar permezz tad-Deċiżjoni tas-27 ta' Awwissu 2020, li kienet ukoll ta' natura li toħloq aspettattivi leġittimi fir-rigward tar-regolarità tal-għajnuna mogħtija abbażi ta' din l-iskema.

67 Fid-dawl tal-premess, ir-risposta għat-tieni u għat-tielet domanda għandha tkun li l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-irkupru, abbażi tar-Regolament ta' rettifika, tal-għajnuna mogħtija mir-Rumanija qabel l-adozzjoni ta' dan ir-regolament taħt l-iskema ta' għajnuna awtorizzata bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Awwissu 2020.

Fuq l-ispejjeż

68 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/452 tal-15 ta' Marzu 2021 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE], għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jirrettifika l-verżjoni bil-lingwa Rumena tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE], b'mod retroattiv, b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament tal-aħħar.**

2) **Il-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-irkupru, abbażi tar-Regolament 2021/452, tal-għajnuna mogħtija mir-Rumanija qabel l-adozzjoni ta' dan ir-regolament taħt tal-iskema ta' għajnuna awtorizzata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2020) 5949 final tas-27 ta' Awwissu 2020 – Għajnuna mill-Istat SA.58166 (2020/N) – Rumanija – COVID-19: Appoġġ għas-SME u għal ċerti impriżi kbar sabiex jegħlbu l-kriżi ekonomika kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19.**

Firem